FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 16**

**Avviz. numru 1263/01JR**

**The Catalogue Company Limited**

**vs**

**David Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem WISE Computer Services u b'digriet ta' l-24 ta' Jannar, 2002, gie kjamat in kawza Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fit-23 t'Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm223.63), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta` attrici ghal prodotti provduti mis-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tat-talba kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-19 ta' Novembru, 2001, fejn intqal:**

i. **illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif sejjer jigi ampjament ppruvat fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni;**
ii. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda somma flus lis-socjeta` attrici;**
iii. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Ra r-risposta tal-kjamat in kawza prezentata fl-4 ta' Frar, 2002, fejn intqal:**

i. **illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
ii. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda somma flus lis-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Kirsten Borg, Anthony Borg u David Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghal hlas ta' bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta` attrici ghal prodotti provduti mill-istess socjeta` attrici;**

**2. Skond Kirsten Borg, accounts clerk mas-socjeta` attrici, il-konvenut kien akkwista komponenti elettronici, li kienu gew konsenjati lilu fis-27 ta' Gunju, 1997.**

**3. F'dan ir-rigward l-invoice Dok.A kien hareg fuq WISE Computers Services fis-27 ta' Gunju, 1997, ghall-ammont mitlub.**

**4. Meta konfrontati b'dana l-invoice kemm il-konvenut David Borg u l-kjamat in kawza Anthony Borg innegaw li l-firma fuq l-imsemmi invoice kienet taghhom. Fl-istess sens it-tnejn innegaw li xtraw l-oggetti ndikati, u li kienu hallsu kollox.**

**5. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, jigi rilevat illi l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi jaqghu bi preskrizzjoni ta tmintax-il xahar: "l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut."**

**6. Jigi rilevat inoltre illi l-Artikolu 2151 tal-Kap.16 jipprovdi illi:**

> **"1. Fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni, ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogholijiet, servizzi jew qadi iehor.**
>
> **2. Izda, f'kull kaz bhal dan, jekk il-kreditu ghal dawn il-fornituri, kunsinni, xogholijiet, servizzi,**

**jew qadi iehor jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-gheluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni."**

7. **Fil kaz in ezami jidher li l-ammont kien ilu dovut mis-27 ta' Gunju, 1997, u la ma kien hemm accettazzjoni ta' dan id-debitu, u lanqas ma sar xejn biex jinterrompi l-perijodu preskrittiv. Ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni odjerna hija preskritta.**
8. **Ghandu jinghad ukoll li ma giex pruvat li hemm xi ness guridku fil-konfront tal-kjamat in kawza.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16, u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta` attrici.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` attrici skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**